# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU 2021**

**Kawża Numru: 14**

**Rik. Ġur. 751/2018 RGM**

**Paul Sultana**
**vs.**
**Nissan Motor Sales Limited**
**C2387**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Paul Sultana** ppreżentat fis-16 ta' Lulju, 2018 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Jannar 2015 magħmul bejn il-kontindenti l-esponenti xtara karozza tal-għamla 'Nissan' bl-isem 'Qashqai' bin-numru ta' identifikazzjoni SJNFAAJ11U1134046 mingħand is-soċjetà intimata versu l-prezz ta' erbgħa u għoxrin elf ħames mija u sittin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€24,560) (kuntratt u irċevuti hawn annessi u mmarkati "Dok. PS 3" u "Dok. PS 4" sa "Dok. PS 7" rispettivament).

2. Illi għal nofs Frar tas-sena 2018 l-esponenti skopra sadid f'bosta partijiet fil-vettura.

3. Illi l-esponenti avviċina lir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata fejn għarrafhom b'dan id-difett u talabhom jinvestigaw din il-problema.

4. Illi bejn il-partijiet bdew negozjati fejn filwaqt illi s-soċjeta' konvenuta aċċettat li kien hemm difett, hija offriet biss illi jew tittratta l-partijiet tal-karozza maħkuma bis-sadid u jisprejjaw mill-ġdid fejn l-istess partijiet tal-karozza jew inkella jagħtu karozza ġdida lill-esponenti b'dana illi kellu jitnaqqas mil-valur tal-karozza de quo.

5. Illi dan ma kienx aċċettabli għall-attur stante t-tiswijiet huma temporanji u mhumiex sejrin jeliminaw id-diffett. L-esponenti lanqas qabel illi jitnaqqas il-valur tal-vettura li huwa xtara għall-prezz tas-suq kurrenti.

6. Illi dan id-difett moħbi jagħmel il-karozza mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba u li jnaqqas daqshekk il-valur tagħha illi l-esponenti ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar li kieku kien jaf b'dan id-difett.

7. Illi l-esponenti wara li ġibed l-attenzjoni lill-intimata għal dan id-difett moħbi, talabha lura l-prezz minnu mħallas jew li jingħata karozza ġdida bla difetti.

8. Illi l-partijiet baqgħu isostnu l-pożizzjoni tagħhom u għalhekk, wara li l-esponenti radd lura l-karozza billi ddepożitaha taħt l-awtorità tal-Qorti, qed jiġi l-quddiem bl-azzjoni redibitorja.

9. Illi huwa jaf b'dan kollu personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobHa:-

1. Prevja li din il-Qorti tistabbilixxi u tiddikjara, jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi, illi fid-data tal-bejgħ il-karozza tal-għamla 'Nissan' bl-isem 'Qashqai' bin-numru ta' identifikazzjoni

SJNFAAJ11U1134046 kellha difett li ma jidhirx illi jagħmel il-karozza mhux tajba għall-użu li għalih hi maħsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur tagħha illi l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar li kieku kien jaf bih.

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex troddlu lura s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ħames mija u sittin ewro (€24,560) prezz mħallas mill-esponenti lis-soċjeta' intimata tal-imsemmija karozza.

Bl-ispejjeż inkluż dawk dovuti lill-konsenjatarju, u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors kontra s-socjetà intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Nissan Motor Sales Limited** ippreżentata fis-17 ta' Settembru, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi fl-ewwel lok, preliminarjament, jidher illi r-rikorrenti qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq l-Artikolu 1424 tal-Kodici civili, liema azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-istess Kodici civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak sueccepiet, u fil-mertu, t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u dan peress illi l-vettura li giet ikkonsenjata lil Paul Sultana ma kien fiha l-ebda difett mohbi kif ser jigi ampjament ipprovat fil-mori tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza hija intempestiva stante illi s-socjeta` esponenti lanqas inghatat l-opportunita` li tipprovdi soluzzjoni ghall-allegat difett;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi fis-7 ta’ Novembru 2019 il-Qorti in-nominat lill-espert tekniku Natalino Agius sabiex jiddetermina jekk id-difett li dwaru qiegħed jilmenta l-attur jikkwalifikax bħala difett u f’każ affermattiv, jekk jikkwalifikax bħala difett latenti;

Rat ir-rapport tal-espert tekniku Natalino Agius ippreżentat fil-11 ta’ Frar 2020[1];

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tas-soċjetà konvenuta[2] kif ukoll il-mistoqsijiet in eskussjoni tal-attur[3] ir-risposti tal-espert;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fit-22 ta’ Diċembru 2020[4] kif ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fit-8 t’April 2021[5];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi.**

Fit-23 ta’ Jannar 2015 l-attur xtara karozza ġdida tal-għamla Nissan Qashqai mingħand is-soċjetà konvenuta versu l-prezz ta’ erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u sittin Ewro (€24,560). F’nofs Frar 2018 l-attur innotat li kien hemm is-

---

[1] Paġna 140 tal-proċess.
[2] Paġna 125 tal-proċess.
[3] Paġna 126 tal-proċess.
[4] Paġna 153 et seq tal-proċess.
[5] Paġna170 et seq tal-proċess.

sadid f'partijiet tal-vettura. Huwa avviċina lir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta fejn nformahom b'dan id-difett u talabhom jinvestigaw din il-problema. Bdew negozjati bejn il-partijiet u s-soċjetà konvenuta offriet li jiġu trattati l-partijiet tal-karozza li kellha s-sadid u jisprejjaw mill-ġdid dawk il-partijiet trattati jew altrimenti jagħtuh karozza ġdida li minnu kellu jitnaqqas il-valur tal-karozza mertu tal-kawża. L-attur m'aċċetta l-ebda waħda minn dawn il-proposti. Huwa qiegħed jippretendi l-prezz minnu mħallas jew jingħata karozza ġdida bla difetti. In vista li s-soċjetà konvenuta rrifjutat il-proposta tal-attur, l-attur iddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti u intavola l-azzjoni redibitorja.

Ikkunsidrat;

**Provi**

Mar-rikors promotur l-**attur** ippreżenta l-affidavit tiegħu fejn xhed li fit-23 ta' Jannar 2015 xtara l-vettura tat-tip Nissan Qashqi mingħand is-soċjetà Nissan Motors Sales Limited għal prezz ta' €24,560. Jgħid li f'nofs Frar 2018 it-tifel tiegħu kien qiegħed jaħsillu l-vettura u nnota s-sadid fi tlett bibien tal-karozza. Kien għalhekk li t-tifel tiegħu kkuntatja lis-soċjetà konvenuta sabiex jinvestigaw il-problema u sabiex isibu rimedju.

Ir-rappreżentant tas-soċjetà Nissan Motors Sales Ltd tahom appuntament sabiex imorru bil-karozza. L-attur attenda għal dan l-appuntament u wrihom fejn kien sab is-sadid. Jgħid li t-tifel kien qiegħed jipprova jilħaq kompromess mas-soċjetà konvenuta. Kien xi żmien wara li s-soċjetà konvenuta kkuntatjathom u offritilhom li jissewwew il-ħsarat jew jagħtuhom *part exchange* ma' karozza oħra. Kompla jispjega li "fil-każ li nagħżlu part exchange ma' karozza oħra ma kienux sejrin jagħtuna lura l-valur tal-karozza iżda kienu sejrin jaraw kemm tiswa illum fuq is-suq."[6] Ix-xhud qal li huwa ma sabx din is-soluzzjoni bħala aċċettabbli u kien qiegħed jitlob li l-karozza jieħduha lura u li jagħtuh l-flus lura. L-attur spjega wkoll li sakemm kienu

[6] Paġna 3 tal-proċess.

għaddejjin bid-diskussjonijiet induna li beda joħroġ aktar sadid f'postijiet oħra u nnota li s-sadid li kienu raw fil-bibien kien kiber aktar. Ix-xhud spjega li huwa dejjem żamm il-karozza f'kundizzjoni tajba u dejjem fil-garaxx u ma tantx kien joħroġ biha. Xhed li huwa qatt ma kien involut f'xi inċident. Jgħid li huwa kien taħt l-impressjoni li l-karozza kienet galvanizzata u barra min hekk kien għamlilha d-*Dinitrol* sabiex jiżgura ruħu li tkun protetta mis-sadid liema proċess sar bi ħlas addizzjoni lis-soċjetà konvenuta. Jgħid ukoll li l-karozza għamlilha *service* regolari għand il-kumpanija konvenuta.

Fit-30 ta' Mejju 2019 xehed in kontro-eżami Paul Sultana. Jgħid li s-sadid li kien ra t-tifel tiegħu kien moħbi taħt lakstu tal-bieba u xi bibien oħra. Jgħid li meta ra hekk ikkuntatjaw lill-aġent li kienu xtraw mingħandu. Jgħid li maż-żmien qalgħu l-batterija u taħtha sabu s-sadid inkluż mal-magna u fir-raba' bieba. Jgħid li s-sadid kien jidher fi stat avvanzat. Meta ġie mistoqsi għalfejn m'aċċettax l-offerta li għamlulu li jbiddlu l-vettura, ix-xhud jgħid għaliex il-valur tal-karozza kienu waqqgħuh u dan meta l-vettura kienet ilha biss 3 snin barra. Jgħid li huwa ppretenda l-valur li huwa kien ħallas għaliex is-sadid baqa' ħiereġ anke wara li kienu kellmu lir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta. Meta ġie mistoqsi għalfejn ma aċċettax li jsiru t-tiswijiet, ix-xhud qal li ma kienx jippretendi li karozza galvanizata u wara li ħallas dawk il-flejjes joħorġu dawk id-difetti kollha. Jgħid li huwa kien jaf li l-karozza għandha garanzija kontra s-sadid iżda huwa ma qabilx li jsiru t-tiswijiet għaliex is-sadid baqa' ħiereġ.

Mar-rikors promotur ġie wkoll ippreżentat affidavit ta' iben l-attur, **Joseph Sultana** fejn spjega li għal nofs Frar 2018 huwa kien qiegħed jaħsel il-vettura mertu tal-kawża u waqt li kien qiegħed jimsaħha nnota li kien hemm sadid taħt il-lakstu tal-bieba ta' quddiem tan-naħa tax-xufier. Huwa dar il-karozza u sab illi kien hemm is-sadid f'żewġ bibien oħra. Jgħid li huwa nforma lil missieru b'dan u minnufih ikkuntattja lis-soċjetà konvenuta u informahom bil-problema li kien sab fil-karozza ta' missieru u r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta tawh appuntament. Jgħid li huwa fittex fuq l-*internet* u tkellem ma' sħabu li kellhom karozza tal-istess għamla u sab li kienet problema f'numru ta' mudelli u li kien difett mill-fabbrika. Qal li huwa dar il-vettura u sab aktar sadid f'ħafna

postijiet differenti. Ix-xhud jgħid li missieru mar għand is-soċjetà konvenuta sabiex issir spezzjoni u wara din l-ispezzjoni ma kienu semgħu xejn mingħandha. Kien wara xi xahar u nofs li missieru mar għand l-aġent tan-Nissan ġewwa Għawdex fejn kellem lil ċertu Jason Cassar. Dan min-naħa tiegħu bagħat *email* lill-kumpanija. Ikompli jgħid li Cassar kien informa lill-missieru li jekk ma jisma' xejn fi ftit jiem huwa kellu jerġa' jmur għandu sabiex jibgħat email lil *General Manager*. Peress li ma semgħu xejn reġgħu marru għand Jason Cassar u dan bagħat email lil *General Manager*. Jispjega li ftit jiem wara ġew ikkuntattjati mill-ħaddiema tas-soċjetà Nissan fejn tawhom appuntament ieħor għat-18 ta' Ġunju 2018 ġewwa l-Ħandaq. Jgħid li huwa telgħa għal din l-ispezzjoni u dakinhar il-ħaddiema ħadu xi notamenti.

Ix-xhud jgħid li wara din l-ispezzjoni huwa kompla jsib aktar postijiet fil-vettura li kellhom is-sadid. Kompla jgħid li ġimgħa wara l-ispezzjoni huwa kellem lil ċertu Daniele Spiteri, *Service Advisor*, sabiex jara x'kienet il-pożizzjoni tal-kumpanija fid-dawl tad-difetti li raw. Dan qalilhom sabiex jikkuntattjaw lil Mizzi Automotive Services ġewwa l-Ħandaq. Huwa hekk għamel u dawn infurmawh li kienu għamlulu appuntament sabiex jirranġaw id-difetti. Spjega li huwa ma sabx din is-soluzzjoni bħala aċċettabbli u reġa' kellem lil ċertu Johann, S*alesman* tas-soċjetà konvenuta sabiex tinstab soluzzjoni oħra. Jgħid li dan Johann kien informah li sejjer jibgħat jinforma lill-kumpanija Nissan barra minn Malta sabiex jara x'lesti joffru.

Ix-xhud qal l-għada kellmu ċertu Jason Aquilina, *Brand Manager* mas-soċjetà konvenuta fejn infurmah li "da parti tal-kumpanija kienu qed joffru jew li jirranġaw id-difetti billi jerġgħu jissprenjaw il-karozza fejn hemm is-sadid jew inkella jagħtuna karozza ġdida minflokk dik li għandi iżda kelli inżid id-differenza tal-valur ta' l-istess karozza. Meta staqsejtu x'valur kienu sejrin jagħtuna, huwa infurmani li bl-eżatt ma jafx iżda bejn wieħed u ieħor kienu jagħtuna tagħha mal-€15,000 - €16,000. Dan kien ifisser li kien sejjer ikollna nitilfu mad-€9,000 minnha."[7]

7 Paġna 6 tal-proċess.

Fit-30 ta' Mejju 2019 xehed in kontro-eżami Joseph Sultana fejn ikkonferma li normalment huwa hu li juża l-vettura. Meta ġie mistoqsi jekk jaħsilhiex regolarment ix-xhud qal li le għaliex il-vettura tkun garaxxjata u ma tantx jużaha tant li anke fix-xita jipprova jevita li jużaha, iżda jgħid li b'mod ġenerali jaħsilha darba f'xahrejn. Jgħid li meta fi Frar 2018 huwa ra s-sadid huwa rah l-ewwel taħt il-lakstu fil-kantuniera tal-bieba. Ix-xhud jgħid li huwa m'huwiex espert sabiex jiddetermina x'tip ta' sadid kien iżda li seta' jgħid huwa li meta kompla jfittex skopra s-sadid f'diversi postijiet.

Jgħid li anke f'postijiet li kienu mogħtija bil-plastik u kien protett ukoll sab is-sadid inkluż fuq il-pjanċa tal-batterija u ħdejn il-magna. Spjega li huwa xtara vettura ġdida biex ikollu moħħu mistrieħ. Jgħid li Jason Aquilina kien offrielu jirranġalu l-vettura u li jinbidlu l-bibien iżda dawn riedu jiġu bblendjati mal-*body* tal-vettura u ċioe kellhom imissu l-*body* tal-vettura u kien f'dak il-mument li huwa ma qabilx. Jgħid li Tonio Mizzi kien qallu li huwa ma kienx ċert jekk jirranġaw ma kienx ċert hux ser joħroġ sadid jew jieqaf hemm.[8]

Is-soċjetà konvenuta bdiet billi ppreżentat l-affidavit ta' **Johann Debattista**, impjegat bħala *Sales Executive* mas-soċjetà konvenuta. Jgħid li għal ħabta ta' Lulju 2018 mar ikellmu Joseph Sultana fix-*showroom* ta' Nissan Motor Sales Limited bil-problema illi huwa kellu fil-vettura tiegħu. Jgħid li huwa sussegwentement kellem lil Jason Aquilina, *Manager* tax-*showroom* u dan qallu sabiex jgħid lis-Sur Sultana jibgħat *email* bil-problema li għandu flimkien ma' xi ritratti tal-istess. Jgħid li huwa nforma lis-Sur Sultana b'dan u dan tal-aħħar bgħatlu email flimkien mar-ritratti[9], liema email huwa għaddih lil Jason Aquilina. Ix-xhud ikkonkluda li minn dik il-ġurnata 'l quddiem huwa ma kellu l-ebda kuntatt ieħor mal-attur.

Affidavit ieħor tas-soċjetà konvenuta huwa dak ta' **Jason Aquilina**, *Brand Manager*. Jibda billi jgħid li huwa sar jaf bil-każ ta' Joseph Sultana mingħand is-*salesman* Johann Debattista. Jgħid li huwa kien informa lil Debattista jgħid

[8] Ix-xhud ippreżenta nota f'ritratti li huwa ħa qabel intavola l-proċedura odjerna – paġna 77 et seq tal-proċess.
[9] Ritratti f'paġna 32 et seq tal-proċess.

lil Sultana jibgħatlu email bil-fatti tal-każ u biex jara x'soluzzjoni xtaq jilħaq il-klijent. Jgħid li rċieva l-email fis-6 ta' Lulju 2018 mingħand Joseph Aquilina flimkien ma' ritratti. Aquilina jkompli jgħid li huwa ċempel lil Kenneth Agius, ħaddiem mas-soċjetà Mizzi Automotive Services Ltd, liema soċjetà tagħmel xogħlijiet ta' tlugħ ta' daqqiet, tindif ta' sadid u *spray* tal-vetturi. Kenneth Agius ikkonfermalu li huwa kien spezzjona l-vettura ta' Sultana u li dak li kellu Sultana fuq il-vettura tiegħu huwa *surface rust* irqiq f'xi postijiet. Informah ukoll li ma ntlaħaq l-ebda ftehim ma' Sultana minħabba li dan tal-aħħar xtaq li jinbidlu tlett bibien minflok li jitnaddaf s-sadid u jisprejjaw fejn hemm bżonn. Agius ikkonfermalu wkoll li Sultana kien bagħat espert tal-għażla tiegħu ċertu Tonio Mizzi.

Jgħid li Kenneth Agius qallu li Tonio Mizzi kien qabel mal-fatt li ma kienx hemm għalfejn li jinbidlu l-bibien u saħaq li jekk jitnaddaf is-sadid u jisprejjaw il-postijiet affettwati għandha tkun soluzzjoni ġusta għall-klijent. Ix-xhud jgħid li b'din l-informazzjoni f'idejh huwa kkuntatja lil Sultana li però dan baqa' jisħaq li jrid il-bibien ġodda. Wara li kkonsulta ma' kollegi tiegħu tas-soċjetà konvenuta, kienu waslu għall-konklużjoni li jbiddlu l-bibien u dan sabiex iżommu lil Sultana kuntent, iżda ix-xhud jgħid li għal xi raġuni xorta ma kienx kuntent.

Jgħid li Sultana pprefera illi jibdel il-vettura ma' oħra ġdida. Jgħid li huwa fakkar lil Joseph Sultana li fil-kuntratt li huwa kien iffirma fit-23 ta' Jannar 2015 kien hemm referenza għal każijiet tas-sadid u li kellu dritt biss li jsiru tiswijiet kif jidhrilhom li hu idejali skont id-diskrezzjoni tagħhom.

Nonostante dan, ix-xhud jgħid li Sultana baqa' jinsisti li tinbidel il-vettura u dan minkejja li kien spjegalu li l-mudell tal-Qashqai kurrenti kien differenti minn dak li xtara hu 3 snin ilu u li l-valur tal-mudell ili xtara hu kien ferm inqas minn dik li teżisti llum. Aquilina qal "s-Sur Sultana staqsini biex nikkonfermalu kemm irid jiżdied l-ammont sabiex hu ikun jista jkollu l-mudell il-gdid u jien ghidtlu illi sabiex inkun nista nikkonfermalu l-ammont ta' żieda inkunu rridu niltaqghu biex naraw il-vettura flimkien ma' surveyor taghna, izda is-Sur Sultana baqa jistaqsini sabiex intih idea ta' prezz u ghalhekk jien

infurmajtu li jekk jidhol fis-sit "maltapark.com" kien hemm vetturi simili bhal tieghu ghal bejgh ghal prezz ta' €15,000. Ghidtlu wkoll illi bhala sinjal ta' bona fede minn naha tas-socjetà ahna konna lesti li noffrulu prezz ahjar sabiex ikun jista jkollu l-vettura li xtaq u b'hekk ftehma li hu kellu jahsiba sabiex jikkonferma x'jixtieq jaghmel u jerga jkellimna."[10] Jgħid li però Sultana baqa' qatt ma qalu x'kien iddeċieda u minflok irrikorra għall-proċeduri ġudizzjarji.

Jason Aquilina xehed in kontro-eżami waqt is-seduta tat-8 t'Ottubru 2019. Jikkonferma li huwa qatt ma ra l-karozza tal-attur u lanqas qatt ma ltaqa' miegħu personalment. Jgħid li huwa qatt ma tah prezz ta' kemm kienu jtuh li kieku bidlulu l-karozza għaliex is-Sur Sultana qatt ma mar bil-karozza sabiex jara.

Permezz t'affidavit xehed ukoll **Daniele Spiteri**, kien *Service advisor* tas-soċjetà konvenuta u wieħed mill-irwoli tiegħu kien li jieħu ħsieb tiswijiet ta' vetturi li kienu għadhom taħt garanzija. Jgħid li għal ħabta tas-16 ta' Frar 2018 Paul Sultana kien mar il-garaxx tal-Imsida biex jinfurmah li kien qiegħed joħroġ is-sadid f'diversi postijiet tal-karozza. Jgħid li huwa mexa skont il-proċedura addottata mis-soċjetà konvenuta u ċioe li meta vettura tkun għada taħt garanzija għandhom jittieħdu ritratti tal-postijiet affettwati bis-sadid, liema ritratti ġew ippreżentati mal-affidavit tiegħu. Jgħid li l-proċedura kienet ukoll li sid il-karozza għandu jmur għand Mizzi Automotive Services Ltd, Ħal Qormi sabiex jibgħatu stima tat-tiswijiet li kellhom isiru fil-vettura.

Skont ix-xhud Sultana ma tantx xtaq illi tissewwa l-vettura tiegħu iżda xorta mar għand Mizzi Automotive Services. Ftit ġimgħat wara, ġie Joseph Sultana sabiex ikellmu fuq il-vettura. Jgħid li dan kien stqarr li huwa ma xtaqx illi tissewwa l-vettura minħabba li beża' li setgħet tiġi affettwata l-kumplament tal-vettura anke fuq postijiet fejn ma tantx kienet tidher il-ħsara. Ix-xhud qal li huwa ma kellux l-awtorità joffrielu soluzzjoni oħra apparti li titranġa l-karrozza u kien għalhekk li huwa kien issuġerixxi li jkellem lil Jason Aquilina

[10] Paġni 36 – 37 tal-proċess.

jew lil Jean Spiteri Miggiani. Jgħid li x-xogħol tiegħu ma' Nissan Motors Sales Limited intemm fl-20 t'Ottubru 2018.

Fit-8 t'Ottubru 2019 xehed in kontro-eżami Daniele Spiteri. Waqt din ix-xhieda huwa qal li kien hemm ċerti bnadi li kellhom *surface rust* li jkun fil-wiċċ taż-żebgħa. Jikkonferma li s-*surface rust* jista' jaggrava jekk wieħed ma jieħux ħsiebu. Meta ġie mistoqsi kif jista' jitranġa sadid ħdejn il-magna u sadid li għaddej bejn il-pjanċi, ix-xhud spjega li f'dak il-każ il-pjanċa titranġa mill-bidu u jneħħu ż-żebgħa u jranġaw iż-żebgħa. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk il-karozza tibqax biż-żebgħa oriġinali x-xhud jgħid għall-ewwel li ma titneħħix. Għal din ir-risposta, ġie mistoqsi: "per eżempju, l-erba' bibien li ssemmew, biex jitranġa kellu jigi xkattlat naqa z-zebgha, taqta' sadid u toborxu u terga' ttih l-undercoat u terga' ttih iz-zebgħa. Naqblu?", ix-xhud irrisponda "Eżatt". [11] Ix-xhud jgħid li iva fejn ikun hemm is-sadid li jrid jitneħħa l-karozza ma tibqax biż-żebgħa oriġinali.

Xehed **Kenneth Agius** waqt is-seduta tat-8 t'Ottubru 2019, huwa kkonferma li kien jaħdem mas-soċjetà Mizzi Automotor Services bħala *surveyor*. Huwa jiftakar li kienu marru żewġ min-nies bil-karozza u urewh fejn kien is-sadid. Jgħid li huwa kiteb x'kien l-aħjar rimedju u ċioe li jitneħħa s-sadid u ssir il-proċedura kollha mill-bidu. Jgħid li dak li ra huwa kien *surface rust* u biex jitneħħa s-sadid irid li tiġi ikkurata l-pjanċa billi l-pjanċa jġibuha fuq il-ħadid imbagħad jagħmlu spray taz-zinc, edge primer, undercoat u kulur. Bħala kulur jgħid li kull karozza jkollha n-numru tal-kulur, huma jdaħħlu dak in-numru fis-sistema kompjuterizzata tagħhom u jkollhom ir-riċetta ta' kif għandhom jaslu għal kulur ta' dik il-vettura. Jgħid li xi żmien wara kien mar Tonio Mizzi, *surveyor* ħdejh u staqsih x'kien ħa jagħmel fuq il-karozza. Ix-xhud jgħid li huwa spjegalu li kien ħa jagħmel ftit żebgħa fuq ġewwa u jsir lanqas xogħol fuqha u dan għaliex jekk jinbidlu l-bibien kollha l-proċess kien ikun ferm itwal. Jgħid li dan Mizzi kien qabel miegħu. Jgħid ukoll li lil Mizzi huwa kien jafu. Ix-xhud jgħid li jekk is-sadid ma jieħux ħsiebu, il-pjanċa titaqqab u jkollha tinbidel.

[11] Paġna 104 tal-proċess.

In kontro-eżami miżmum fl-istess ġurnata, ix-xhud jgħid li l-karozza kienet tinżamm tajba ħafna, "tista tgħid ġdida."[12] Ix-xhud spjega li ma jistax jgħid jekk hijiex l-eċċezzjoni li joħroġ is-sadid wara sentejn u dan għaliex jiddependi minn ħafna kundizzjonijiet bħal per eżempju fejn tinżamm il-vettura. Lanqas ma jista' jgħid li s-sadid jinħareġ għax iż-żebgħa tkun irqiqa. Meta ġie mistoqsi jekk huwiex minnu li l-kulur li jagħtu ma tkunx l-istess bħal dik tal-karozza għaliex il-kulur jinbidel bix-xemx, ix-xhud jgħid li m'huwiex minnu u dan għaliex is-sistema li għandhom jagħtu numru konsiderevoli ta' *shades* ta' dak il-kulur. Jikkonferma li jekk titranġa l-vettura mhux ser tibqa biż-żebgħa oriġinali.

Ikkunsidrat;

**Eċċezzjonijiet ta' natura preliminari**

**Preskrizzjoni**

Is-soċjetà konvenuta resqet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi eċċepiet fl-ewwel lok li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-**Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16**.

L-*actio redibitoria*, li għaliha jirreferi l-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili tispetta lix-xerrej li jixtri ħwejjeġ mobbli jew immobbli li jkollhom difetti li ma jidhrux, liema difetti jagħmluhom mhux tajba għall-użu li għalih huma maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħhom illi kieku x-xerrej kien jaf bid-difett ma kienx jixtri dak l-immobbli/mobbli jew kien joffri prezz inqas.

Artikolu 1431 jipprovdi kif ġej:

> "(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-

[12] Paġna 112 tal-proċess.

kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."

Is-soċjetà konvenuta tibbaża l-eċċezzjoni tagħha fuq il-premessa li l-Artikolu 1431 jgħid li l-azzjoni tkun preskritta bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa. Tissottometti li ġaladarba l-vettura nxtrat f'Jannar 2015 u l-kawża odjerna ġiet intavolata f'Lulju 2018, is-sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 1431 għaddew.

Is-soċjetà konvenuta tissottometti wkoll li l-Artikolu 1431 jipprovdi wkoll li s-sitt xhur jistgħu jibdew jgħaddu minn dakinhar li x-xerrej seta' jikxef id-difett. F'dan ir-rigward is-soċjetà konvenuta tgħid li kien jispetta lix-xerrej li jipprova li kien impossibbli li jiskopri d-difett qabel. Is-soċjetà Nissan fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ssostni li l-attur seta' jiskopri s-sadid fuq il-vettura qabel Frar 2018. Tgħid li l-unika raġuni li kien biss fi Frar 2018 li l-attur induna u mhux qabel stante li l-attur u ibnu ma jużawx il-vettura b'mod regolari u saħansitra Joseph Sultana jgħid li jaħsel il-vettura mertu tal-kawża darba f'xahrejn.

Ikkunsidrat;

Minn qari tal-Artikolu 1431 jirriżulta li tnejn huma l-possibilitajiet minn meta jibda għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni u ċioe jew minn meta l-mobbli ġie konsenjat u f'każ li d-difett ma kienx jidher, it-terminu jibda jgħodd minn meta x-xerrej seta' jikxef dak id-difett.

Fir-rigward tal-aħħar possibilità l-ġurisprudenza tagħna għal xi żmien ma kinitx għal kollox konsistenti iżda bis-sentenza **Marie Rose Muscat Baldacchino vs. E. Vincenti Kind** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali

fit-18 ta' Ottubru 1963 din ġiet darba għal dejjem kristalizata bis-segwenti spjegazzjoni:

> "Il-kliem tat-tieni subartikolu tal-art. 1481 tal-Kodici Civili, indikanti id-*"dies a quo"* tad-dekorrenza tat-terminu ta' xahar stabbilit mil-ligi [illum sitt xhur], cioe il-kliem "minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett" ghandhom ikunu interpretati fis-sens li d-*"dies scientiae"* ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata rregolarita fil-funzjonijiet tal-attrezz mibjugh, imma hu invece dak li fih jigi definitivament accertat id-difett."

F'sentenza aktar riċenti fl-ismijiet **Domenic Micallef et vs. Mizzi Brother Ltd** (Ċit Nru 1244/1997) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 ġie ritenut illi:-

> "fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett [Art. 1431(2) tal-Kap 16] jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah [P.A. **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Paċe vs Joseph Paċe*** (mhix pubblikata)]. U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa [Kumm. **7.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Tanti vs Cassar noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.iii.779**)]. Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett moħbi u mhux minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas [App. Kumm. **21.10.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Charles J. Xuereb vs JohnAttard et noe*** (mhix pubblikata)]"

Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern it-terminu ta' sitt xhur ma bediex jiddekkorri minn dak in-nhar li saret in kunsinna tal-vettura u dan stante li x-xerrej ma setax jikxef id-difett li ma jidhirx. L-allegat difett huwa s-sadid li tfaċċa fuq il-vettura wara tlett snin mill-kunsinna, liema sadid allegatament jidher li baqa' jiżdied f'diversi postijiet, kemm f'postijiet li kien hemm iż-żebgħa kif ukoll f'postijiet li

ma kellhomx żebgħa, kif ser jiġi spjegat aktar 'l quddiem. Il-fatt li x-xerrej ma setax jikxef l-allegat difett fi żmien meta ġiet konsenjata l-vettura ħareġ mix-xhieda tal-espert tekniku Natalino Agius meta in eskussjoni ikkonferma li bniedem regolari li m'għandux esperjenza teknika b'għajnejh ma jistax jidentifika l-ħxuna taż-żebgħa, lanqas espert mhu kapaċi jagħmel hekk, huwa biss b'mod elettroniku li dan jista' jiġi mkejjel:

> "Xhud : [...] Din jekk miexja fuq l-assembly line u qed tisprenja ruhha, m'ghandhix ha nghid hekk tieqaf fuq il-bieba, jigi hafna ohxon iz-zebgha imbaghad terga' tkompli miexja.
>
> Qorti : U t-tieni domanda hija, bniedem normali biex nghidu hekk mill-aspett tekniku, b'ghajnejh jista' jaraha?
>
> Xhud : Le ma tidentifikahix.
>
> Qorti : Espert b'ghajnejh kapaci jaraha?
>
> Xhud : No. Fil-fatt jghidulek li it's not visible by the naked eye. Int trid tkejjel elettronikament."[13]

Minn din l-ispjega mogħtija mill-espert tekniku huwa ċar li t-terminu ta' sitt xhur fil-każ odjern ma setax jibda jiddekkorri minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa. Ġaladarba x-xerrej ma setax jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, it-terminu ta' sitt xhur jibdew jiddekkorri skont kif regolat fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 1431.

Iben l-attur ra għall-ewwel darba s-sadid fuq tlett bibien tal-vettura fi Frar 2018 waqt li huwa kien qiegħed jaħsel il-vettura. Daniele Spiteri jikkonferma li fis-16 ta' Frar 2018 mar l-attur bil-vettura sabiex jurih x'kien sab ibnu u jikkonferma li f'din il-vettura kien hemm is-sadid f'diversi postijiet tant li l-istess ippreżenta għad ta' ritratti li juru l-postijiet diversi li ħakem is-sadid. L-attur jgħid li wara din il-laqgħa huwa kien ra sadid f'postijiet oħra inkluż ħdejn il-magna u fl-*area* tal-madwar u taħt il-batterija, dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mis-soċjetà konvenuta.

[13] Paġna 137 tal-proċess.

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **Odette Grixti et vs. Mario Rogers et** (App Ċiv 170/1998) mogħtija fis-6 ta' Frar 2015 spjegat kif ġje:-

> "Il-perjodi ta' dekadenza imposti fl-artikolu precitat, huma fl-interess tac-certezza tar-rabta kuntrattwali, u dan ghandu jibda jiddekorri mhux necessarjament mill-mument li x-xerrej ikun sar jaf bl-ezistenza tad-difett jew tal-gravita` tieghu, izda minn meta d-difett li jimmanifesta ruhhu jkun tali li jqanqal f'persuna ragjonevoli dubju fil-kwalita` tal-oggett mixtri li kellu normalment iwassal ghal suspett fondat illi l-kostruzzjoni kienet affetta minn mankament ta' certu gravita` li jaghti lok ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgh jew ghal tnaqqis fil-prezz imhallas."

Għaldaqstant jekk din il-Qorti kellha tieħu Frar 2018 bħala x-xahar li feġġ dan id-dubju u ċioe ix-xahar li fih skopra d-difett, il-perjodu preskrittiv ta' sitt xhur ma kienux għadhom għaddew meta fis-16 ta' Lulju 2018 l-attur intavola dawn il-proċeduri. Konsegwentement meta l-attur aġixxa bil-proċedura odjerna kien għadu fit-terminu sabiex jintavola l-azzjoni odjerna.

Jekk skont is-soċjetà konvenuta kien hemm xi data oħra meta l-attur seta' sar jaf bid-difett, kien l-oneru tagħha li tressaqa provi fir-rigward, liema provi ma jirriżultawx.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni imressqa mis-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidrat;

Fit-tielet eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta tressaq, eċċezzjoni li fil-fehma tal-Qorti hija kontradittorja għall-ewwel eċċezzjoni u dan għaliex filwaqt li f'nifs qiegħda tissolleva li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 f'nifs ieħor qiegħda tissolleva linja difensjonali li l-azzjoni attriċi hija intempestiva għaliex skond il-konvenuta hija ma ingħatax l-opportunità li tipprovdi soluzzjoni għall-allegat difett.

Is-soċjetà konvenuta tinsisti li l-attur kellu jistenna li s-soċjetà konvenuta ttih soluzzjoni qabel jintavola dawn il-proċeduri. L-azzjoni odjerna jew hija preskritta jew hija prematura. Għandha tapplika l-massima tad-dritt proċedurali illi *selecta una via non datur recursus ad alteram*.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li it-tielet eċċezzjoni ma hiex fondata. Dan jingħad għaliex kienu r-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta stess fix-xhieda tagħhom li kkonfermaw li huma kienu offrew xi soluzzjonijiet lill-attur.

Ix-xhud Jason Aquilina jgħid li Kenneth Agius, *surveyor* ma' Mizzi Automotor Services (inkarigat mis-soċjetà konvenuta) issuġerixxa lill-attur li jitnaddaf s-sadid u jisprejaw fejn hemm bżonn, is-soċjetà konvenuta wara li l-attur rrifjuta dik il-proposta offriet li jinbidlu t-tlett bibien li kellhom is-sadid u offriet ukoll li jsir *part exchange* billi l-attur kellu jżid id-differenza fil-prezz bejn il-vettura tiegħu fil-valur tagħha fis-sena 2018 u l-valur tal-istess vettura però mudell ġdid. Kien biss wara li dawn is-soluzzjonijiet ma ġewx aċċettati mill-attur li huwa intavola l-kawża.

Peress li l-attur kien kostrett bit-terminu ta' sitt xhur provdut bl-Artikolu 1431 huwa għażel li jipproċedi sabiex ma jitlifx il-jedd tiegħu u ġustament ħass li ma kellux jistenna żmien aktar.

Din il-Qorti tfakkar li t-terminu ta' sitt xhur indikat fl-Artikolu 1431 mhux strettament wieħed ta' preskrizzjoni iżda wieħed ta' dekadenza liema terminu hu wieħed ta' ordni pubbliku u ma jistax jiġi interrott jew sospiż. In-negozjati ma jissospendux it-terminu ta' sitt xhur. Dan ġie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Ann Guercio vs. UCIM Co Ltd** (App Ċiv 20/2007) deċiża fis-6 ta' Ġunju 2008 meta rriteniet li

> "Huwa veru li s-soċjetà appellanti offriet lill-attriċi riduzzjoni ta' ħmistax fil-mija fuq il-prezz ta' l-i*steering wheel* u l-kost tax-xogħol, iżda, kif jinsab ukoll ritenut, "l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma għandhomx l-effikaċja li jinterrompu l-preskrizzjoni jew l-effikaċja tar-rikonoxximent tad-dejn għaliex proposti simili jsiru mingħajr preġudizzju tad-drittijiet

> rispettivi tal-kontendenti" (**Neg. Carmelo Chetcuti *et. vs.* Neg. Costantino Balzan *et.***, Appell Kummerċjali, 3 ta' Frar, 1950)."

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidrat;

**Mertu**

**Artikolu 1424 tal-Kodiċi Ċivili** jistabbilixxi li:-

> "Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom."

**Artikolu 1426** jipprovdi li:-

> "Iżda, huwa [il-bejjiegħ] jwieġeb għad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija."

Għal dawn il-każijiet ix-xerrej jista' jmexxi 'l quddiem billi jagħti lura l-oġġett u jitlob ir-radd tal-prezz, dik hekk imsejħa l-azzjoni redibitorja (*actio redhibitoria*) jew inkella jżomm l-oġġett u jitlob lura parti mill-prezz stabbilit mill-qorti, dik hekk imsejħa l-azzjoni stimatorja (*actio aestimatoria*).

L-attur għażel l-azzjoni redibitorja fejn iddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti u talab lill-Qorti tiddikjara li l-vettura tal-għamla Nissan Qashqai kellha difetti latenti flimkien ma' talba għar-radd tal-prezz li huwa kien ħallas għaliha.

X'jikkostitwixxi 'difett' ġie spjegat b'mod ċar mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza fl-ismijiet **Alexander Abela et vs. Carmel Micallef et** (Rik Ġur 474/2008) deċiża fid-9 ta' Jannar 2012:-

> "In-nozzjoni ta' 'difett' gie definit mill-Qrati taghna bhala li jikkomprendi kull anormalita, jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija li tigi riskontrata fil-haga u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudni ghall-uzu jew l-bonta jew l-integrita taghha apparti li jridu jkunu pre-ezistenti ghal ftehim (ara **Emanuela Borg vs Carmelo Petroni noe**, App Civ 29.01.1954).
>
> In kwantu ghan-natura okkulta tad-difett hu pacifiku mill-gurisprudenza illi d-difett ikun mohbi meta ma jkunx facilment reperibbli ghal bniedem mhux tas-sengha (ara **Josephine Mallia vs Emanuel Abela et**, App Civ 1.06.2007).
>
> Inoltre hu wkoll stabbilit illi d-difett innifsu irid ikun ta' certa 'gravita' relattivament ghal haga mibjugha u ghal prezz imhallas ghaliha fis-sens li l-Qorti trid tkun sodisfatta illi d-difett lamentat kien inaqqas talment il-valur li x-xerrej jew ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz inqas (ara **Vincenza Scicluna vs George Azzopardi noe**, App Civ 22.06.1959 Vol XLIII p1 p317)."

Il-kriterju determinanti għalhekk huwa jekk ix-xerrej setax isir jaf bid-difett waħdu mingħajr l-għajnuna ta' professjonisti. Fid-determinazzjoni tal-eżistenza o meno tal-punt jekk id-difett jistax jitqies bħala moħbi, il-liġi ma teżiġix diliġenza straordinarja f'min ikun sejjer jixtri l-oġġett, iżda teżiġi diliġenza ta' *bonus pater familias.*

Id-difett mertu tal-kawża huwa sadid fuq vettura li kienet ilha li inxtrat biss tlett snin u li kienet instaqet għal erbatax-il elf kilometri u li kienet miżmuma tajjeb u f'kundizzjoni sewwa ħafna, tant li Kenneth Agius, is-*surveyor* li użat is-soċjetà konvenuta, ikkonferma li l-vettura kienet tista' tgħid ġdida. Is-sadid kien jidher f'diversi postijiet li skont il-perit tekniku Natalino Agius l-maġġoranza ta' dan is-sadid ħareġ fejn iż-żebgħa kienet irqiqa. Il-perit tekniku

iċċertifika li ż-żebgħa fuq il-vettura tal-attur kienet għada dik tal-fabbrika. In eskussjoni, l-espert tekniku spjega li ż-żebgħa fuq il-vetturi saret tkun irqiqa tant li l-kumpaniji tal-karozzi saru jagħtu garanzija ta' sentejn jew tlieta biss. F'dan ir-rigward iben l-attur, Joseph Sultana, xehed li l-garanzija fuq is-sadid kien proprju ta' 12-il sena. Il-Qorti dan ma tistax tivverifikah għaliex m'għandhiex kopja ta' din il-garanzija, tinnota però li din ma ġietx ikkontestata mis-soċjetà konvenuta. Tinnota wkoll li fil-kuntratt tax-xiri – li huwa *a standard form contract* – l-garanzija fuq is-sadid kien ta' 60 xahar (5 snin):

> "*Subject to the limitations hereunder, owner warrants the vehicle for a period of 60 months from date of delivery or 100000 kilometres, whichever occurs first, provided that this warranty:*
> (a) *[...] in the case of rust in whichever part of the vehicle, owner reserves the right to remedy the matter at his complete and absolute discretion. The buyer hereby binds himself/herself to accept the exercise of this discretion as final and absolute and that he/she shall have no recourse against the owner once this discretion has been exercised.*"[14]

Fil-każ odjern l-attur sab is-sadid fuq partijiet tal-vettura proprju wara biss tlett snin. Għalkemm mill-klawsola suċitata jidher li r-rimedju li għandu jingħata kienet kompletament f'idejn il-bejjiegħ, dan ma jfissirx li x-xerrej tilef il-jeddijiet mogħtija lilu bil-liġi.

Jiġi wkoll osservat illi s-soċjeta' konvenuta ma resqitx tali linja difensjonali tant illi fit-tieni eċċezzjoni tagħha tinnega li l-vettura kienet afflitta b'xi difett latenti.

Kif ġie diġà ritenut, il-perit tekniku kkonferma li l-maġġoranza tas-sadid ħareġ fejn iż-żebgħa kienet irqiqa. Fil-fehma tal-perit tekniku, jekk iż-żebgħa tkun ta' ħxuna differenti huwa jikkunsidrah "bhala difett ghax ghandha tkun

[14] Paġna 7 tal-proċess. Dwar *standard terms* fuq garanzija wieħed jista' jara **Natasha Grech vs. G.I. Trading Ltd** (App Ċiv 24/2009) deċiża Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2010.

unita"[15]. Ta' relevanza fir-rigward hija s-segwenti testimonjanza tal-perit tekniku Natalino Agius:

> "Dr. Reuben Balzan : Ara ahna li jinteressana l-karozza hargitx b'diffett jew le. Jigifieri jekk is-sadid li hemm fil-karozza hux difett fil-manifattura tal-karozza jew le. Int semmejt numru ta' affarijiet. L-umdita, kif jiehu hsieb il-karozza, semmejt ukoll il-garanzija, jigifieri int minn dak li rajt b'ghajnejk tista' tghidilna jekk stabbilejtx jekk il-karozza kienx fiha difett jew le? …
>
> .........................................
>
> Xhud : Li jista' jkun iva li **kellha postijiet fejn iz-zebgha ma kinitx tal-coverage illi suppost, biex hareg dan u fiz-zmien prematur** jista' jkun illi l-coating ma kienx sufficjenti biex …
>
> Qorti : Imma ghaliex qed nghidu jista' jkun?
>
> Xhud : Ghax kif qed nghidlek, jien minn xiex ghaddiet il-karozza ha nitkellem hekk …
>
> Qorti : Minn kemm ilha li nxtrat.
>
> Xhud : Jien ma kontx maghha.
>
> Qorti : Imma l-coating jigifieri mill-mument li tinxtara sal-mument illi inti ezaminajtha, seta' kien hemm cirkostanzi mhux neccesserjament volontarji illi dak il-coating jirqaq?
>
> Xhud : Le ma jistax ikun.
>
> Qorti : Jigifieri dak teskludih.

---

[15] Paġna 137 tal-proċess.

Xhud : Le neskludih.

Qorti : Jigifieri **l-hxuna taz-zebgha li kkostatajt inti, hija fil-fehma tieghek iz-zebgha maghmula fil-fabbrika**.

Xhud : U ha naghti raguni ghaliex. Ghaliex kieku biss kellha fi xfarijiet ta' barra l-karozza, fuq l-esterjuri, nghid ghaddiet minn xi process per ezempju xi hadd ippolixxja l-karozza ghax ihobb jaraha tleqq u kielilha bicca miz-zebgha. Imma din il-karozza hemm fejn il-magna illi mhux soltu li ha nipolixxjaw fejn il-magna u kellha anke postijiet fuq gewwa.

Qorti : X'kellha sadid?

Xhud : Iva hemm ir-ritratti fir-rapport fejn jaghlaq ir-rubber per ezempju mal-bieba fuq gewwa, ir-rubber seal illi hemmhekk rari li bniedem ser jidhol f'sitwazzjoni li ha jaghmel f'dawk il-postijiet. Hemmhekk jibqa' kif jitwieled."[16]

Dwar il-ħxuna ta' żebgħa magħmula fil-fabbrika ġie ritenut mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza **Alfred Fenech vs. Auto Sales Ltd** (Ċit Nru 673/2007) deċiża fit-30 t'Ottubru 2012 li ġaladarba ż-żebgħa kienet waħda rqiqa, "*dan id-difett kien ser ikompli jiggrava u kien jezisti mill-ewwel fil-mument tal-bejgh tal-istess vettura proprju minhabba li l-karozza kienet hekk ikkonsenjata lill-attur b'dan id-difett li kien jikkonsisti fi hxuna ta' spray li mhux adatta u li tikkawza sadid fil-partijiet tal-hadid u aluminium, li ma setghax jinduna bihom l-attur, tant li espert tal-mettallurgija kien jehtieg apparat sabiex bih ikejjel l-hxuna taz-zebgha u jasal ghal konkluzzjonijiet li wasal ghalihom f'dan ir-rapport*" [17]

[16] Paġni 135 – 136 tal-proċess.

[17] Ara wkoll **Tekno Electronics Ltd vs. Auto Sale Ltd** (Ċit Nru 167/2002) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Ġunju 2003.

Ikkunsidrat;

Jirriżulta, għalhekk li fil-każ odjern, id-difett illi minnu qiegħed jilmenta l-attur kien ċertament wieħed mistur sakemm l-istess difett beda jidher f'diversi partijiet tal-vettura. Id-difett kien moħbi għaliex ix-xerrej b'diliġenza ordinarja u waħdu ma setgħax jiskopri tali difett kif ġia ġie spjegat.

Fil-fehma tal-Qorti, dan id-difett għandu jitqies bħala wieħed ta' ċerta gravità wkoll, stante illi kien jeħtieġ li l-partijiet milquta bid-difett kellhom jinbarxu u jinżebgħu mill-ġdid bil-konsegwenza li ż-żebgħa oriġinali titneħħa kompletament minn dik il-parti u partijiet oħra fejn kellhom jinbidlu kompletament.

Jitqies ukoll gravi għaliex uħud mis-sadid ħareġ skont l-espert tekniku f'postijiet fejn is-soltu ma joħroġx sadid bħal per eżempju ħdejn il-magna u fuq ġewwa tal-vettura. Din il-Qorti tqis li t-tneħħija taż-żebgħa oriġinali bħala gravi stante li l-espert tekniku Natalino Agius spjega li meta tinxtara vettura wieħed jippreferi li jkollha żebgħa oriġinali u dan għaliex hija applikata f'ambjent ikkontrollat u f'temperatura kkontrollata. Jispjega li jekk tiżdied iż-żebgħa fuq dik oriġinali, hemm ċans kbir li ż-żebgħa tinqala'. Iż-żebgħa li tingħata mill-fabbrika ma tinqalax kif ġieb u laħaq u dan minħabba l-fattur tal-*baking* taż-żebgħa fuq il-vettura. Bil-proposta tas-soċjetà konvenuta li kellha tinbarax u jingħata żebgħa ġdid ifisser li dik iż-żebgħa m'hijiex sejra tkun f'ambjent ikkontrollata b'ċans akbar li ż-żebgħa tinqala'. Huwa immaterjali li d-difett ikun jista' jissewwa għaliex min iħallas prezz ġust ma għandux jiġi kostrett jikkuntenta ruħu b'haġa imsewwija ftit taż-żmien wara li jkun xtraha.

Ingħad fis-sentenza **Odette Grixti et vs. Mario Rogers et (App Ċiv 170/1998)** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Frar 2015 li:-

> "huwa obbligu tal-venditur li jara li l-oggett li jbiegh ikun fi stat tajjeb. Hu jrid jagixxi in *buona fede* u mhux jaghlaq halqu dwar certi kundizzjonijiet tal-istruttura. L-obbligu li jara li kollox hu sewwa u in regola hu mixhut fuq il-venditur u mhux fuq ix-xerrej li, hlief ghac-cirkostanzi li jidhru *ictu oculi*

ghandu dritt jhalli f'idejn il-venditur dwar il-vijabbilita` tal-oggett. [PA . **Carmelo Barbara v. Joseph Camenzuli**, deciza 20 Ottubru 2005.]"

Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi li f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-elementi tal-azzjoni redibitorja ġew sodisfatti għaliex jirriżulta (a) li hemm vizzju tal-oġġett mixtri u li tali difett kien moħbi u ġie f'deher biss meta beda joħroġ is-sadid; (b) li dan il-vizzju kien wieħed serju u ta' ċertu gravità; u (ċ) li kien pre-eżistenti għal bejgħ jew eżistenti fil-mument tal-bejgħ.

Mill-eskussjoni tal-perit tekniku jirriżulta li d-difett kien jeżisti fil-mument tal-bejgħ u dan għaliex l-ispray ma kienx tal-ħxuna adatta bil-konsegwenza li dan ikkawża sadid fil-partijiet tal-ħadid u kien biss l-espert b'apparat appositu li seta' jikkonstata dan.

Il-Qorti qed tikkonkludi u tiddeċiedi illi d-difetti riskontrati fil-vettura kienu difetti latenti fit-termini tal-liġi u li huma tant serji li kieku l-attur kien jaf bihom fil-mument li resaq biex jixtri l-vettura ma kienx jixtriha.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

**Rimedju fl-Azzjoni Redibitorja**.

A tenur tal-**Artikolu 1427 tal-Kapitolu 16** ir-rimedju għall-azzjoni redibitorja huwa li jingħata l-oġġett difettuż lura lill-bejjiegħ u jsir ir-radd lura tal-prezz imħallas.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tilqa' t-talbiet attriċi,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi fid-data tal-bejgħ il-vettura tal-għamla 'Nissan Qashqai' bin-numru ta' identifikazzjoni SJNFAAJ11U1134046 kellha difett li ma jidhirx illi jnaqqas daqshekk il-valur tal-tagħha illi l-attur ma kienx jixtriha kieku kien jaf fil-mument tax-xiri bid-difett latenti.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas u trodd lura lill-attur is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ħames mija u sittin ewro (€24,560), prezz mħallas mill-attur lis-soċjetà konvenuta tal-imsemmija vettura.

   Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta u bl-imgħax legali mid-29 t'Awwissu 2018, id-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat, sad-data tal-effettiv pagament.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**